**7 ta' Awissu, 1962.**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo. O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.;**

**Onor. Prof. Jos. H. Xuereb, LL.D.**

Carmela Aquilina et.

*versus*

Joseph Callus

**Sentenza — Eżekuzzjoni — Digriet Interlokutorju — Proċedura — Appell.**

*Provvediment mogħti mill-Qorti sabiex tiġi eżegwita sentenza minnha profferita mhuwiex digriet interlokutorju, u lanqas hu sentenza; u mhuwiex impunjabbli quddiem il-Qorti tal-Appell direttament permezz ta' appell; iżda talvolta jista' jiġi mpunjat b'ċitazzjoni quddiem l-istess Qorti li tkun ipprofferiet dak il-provvediment, salvo li mbgħad jista' jkun hemm appell mis-sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni.*

*Appell magħmul direttament lill-Qorti tal-Appell minn provvediment simili hu għalhekk irritu u null.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta' Carmela Aquilina et. tal-11 ta' Ottubru 1961 (fol. 15) quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih ir-rikorrenti talbu li dik il-Qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa biex is-sentenza hemm imsemmija tiġi eżegwita bil-mandat riferit, okkorrendo billi l-marixxall ikun assistit mill-A.I.Ċ. Paul Mercieca imsemmi fis-sentenza;

Rat id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Lulju 1962

li biha rrevokat id-digriet tagħha tat-23 ta' Awissu 1961, i.e. a fol. 6 tal-proċess; ċaħdet it-talba magħmula minn Joseph Callus bir-rikors tat-23 ta' Awissu 1961; laqgħet it-talba tar-rikorrenti Carmela Aquilina, il-lum mart Albert Calleja, tal-11 ta' Ottubru 1961 (fol. 15); u ordnat lill-Marixxall eżekutur li jmissu illi jeżegwixxi l-mandat ta' żgumbrament dekretat minn dik il-Qorti fil-5 ta' Awissu 1961, u dan bl-assistenza tal-A.I.Ċ Paul Mercieca; hu għandu jeżegwixxi l-mandat fuq dawk l-ambjenti okkupati minn Joseph Callus li kienu jiffurmaw parti mil-Kamra terrana mikrija lir-rikorrenti, skond is-sentenzi fuq indikati, fejn hija qegħeda toqgħad, u li fil-mandat u fis-sentenza huma ndikati bin-numru 138B. Conception Street, Msida, anki jekk dan in-numru ma għadux jidher, u għal liema ambjenti okkupati minn Callus kien hemm aċċess mill-bieb, il-lum imbarrat, li kien hemm fl-imsemmija kamra terrana. Fil-każ illi skond il-fehma tal-A.I.Ċ Mercieca jkun neċessarju għall-eżekuzzjoni tal-mandat illi l-istess Callus joħroġ anki mill-ambjenti nkorporati ma' dawk appartenenti lill-fond lokat lir-rikorrenti, u dan biex hija tkun tista' teżegwixxi xogħolijiet għall-finijiet tal-imsemmija sentenzi, il-Marixxal għandu jeżegwixxi l-mandat anki fuq dawn l-ambjenti. L-istess marixxall għandu jagħti lill-imsemmi Joseph Callus erbgħa tijiem żmien biex joħroġ. L-ispejjeż relattivi għar-rikors ta' Aquilina u għal ta' Joseph Callus tat-23 ta' Awissu 1961, kompriżi l-atti kollha f'dawn ir-rigwardi, jitħallsu mill-istess Joseph Callus; wara li kkunsidrat;

B'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru 1960, konfermata mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fl-24 ta' April 1961, fl-ismijiet "Carmela Aquilina miż-żewġa Calleja vs. Joseph Callus", ġie dikjarat illi l-attriċi (ir-rikorrenti) għandha dritt ta' lokazzjoni fil-fond indikat fiċ-ċitazzjoni, nru. 138B. Conception Street. Msida, u l-konvenut (l-intimat) ġie kundannat iżomm lill-attriċi fil-pussess u dgawdija bil-kwiet tal-istess fond, u ġie mogħti lill-konvenut tliet ġimgħat żmien biex jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa għad-dgawdija tal-attriċi mill-fond kif kien fiż-żmien tal-mewt ta' nannuha Joseph Aquilina, u l-attriċi ġiet awtorizzata illi, in difett. tagħmel hija dawk ix-xogħolijiet, taħt id-direzzjoni tal-A.I.Ċ. Paul Mercieca, a spejjeż tal-konvenut;

Kif hemm fl-imsemmija sentenza, il-konvenut Callus kien imbarra l-bieb tal-kamra t'isfel fejn kienet u għadha toqgħod l-attriċi, ir-rikorrenti, neħħa l-water closet u ħalla lill-attriċi b'xejn, u bena ieħor taħt it-taraġ (li l-attriċi ma għandhiex aktar aċċess għalieh), u bena kamra fuq il-bejt. u ħdejha kamra oħra u kċina, u fejn kien hemm daħla fil-pjan terran huwa għamel taraġ għall-bejt tal-kamra li bena;

B'rikors tal-4 ta' Awissu 1961 ir-rikorrenti talbet il-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament tal-intimat Callus mill-fond fuq indikat nru. 138B., fuq il-motiv illi huwa ma għamelx ix-xogħol ordnat fis-sentenza, u illi, biex tkun tista' tagħmel hija x-xogħol relattiv, hu meħtieġ illi l-intimat joħroġ mill-kumditajiet tal-istess fond li hu kien ippossessa ruħu minnhom. Din il-Qorti laqgħet it-talba b'digriet tal-5 ta' Awissu 1961, u l-marixxall eżekutur ta lill-intimat Callus erbgħa tijiem żmien biex jiżgombra. B'rikors tal-10 ta' Awissu 1961 l-istess Callus. b'riferenza għal dak il-mandat, talab proroga ta' tliet xhur żmien, u b'digriet tad-19 ta' Awissu 1961 it-talba tiegħu ġiet miċħuda;

Fl-14 ta' Settembru 1961 il-marixall eżekutur irriferixxa illi huwa ma eżegwiex dak il-mandat, billi sab illi "il-fond nru. 138B. ma jeżistix", u illi "il-pożizzjoni tan-numri f'dik it-trieq hija hekk: 138B. remissa bla numru, 138C. magħmul bil-lapis bini ġdid fejn joqgħod Joseph Callus, bieb bla numru fejn toqgħod Carmela mart Albert Calleja neè Aquilina, 138D., 138E." Huwa rriferixxa wkoll illi "il-fond 138C. fejn joqgħod l-imsemmi Callus, jidher li kien jinfed mal-fond bla numru l-lum okkupat mill-imsemmija Carmela Calleja";

B'rikors tat-22 ta' Awissu 1961, l-istess Callus, wara li qal illi "l-marixxall eżekutur irid jeżegwixxi l-mandat mhux fuq il-fond li kien l-oġġett tal-kawża, u li jġib in-numru 138B. Conception Street, Msida, imma fuq il-fond 138C. fl-istess trieq, li fuqu ma hemm ebda sentenza......, u r-rikorrenti tippretendi li takkwista b'hekk kumditajiet li mhijiex bl-ebda mod intitolata għalihom u estranei għall-kawża", talab direttivi u provvedimenti mill-Qorti biex

"l-eżekuzzjoni ma ssirx fuq il-fond li ma hux indikat fis-sentenza";

B'digriet tat-22 ta' Awissu 1961 din il-Qorti, diversament presjeduta, "fuq talba ta' Dr. Borg" kif hemm fid-digriet relattiv, issospendiet l-istess talba (fol. 6);

Fil-frattemp, fit-2 ta' Settembru 1961, ir-rikorrenti kienet irrispondiet għal dak ir-rikors ta' Callus;

Ikkunsidrat;

Il-fond li fuqu ngħataw is-sentenzi fuq imsemmija huwa dak li kien okkupat mir-rikorrenti meta miet nannuha Joseph Aquilina, u hu l-istess li hija għadha tokkupa l-lum, għalkemm kamra biss minnu, billi l-kumplament ġie mpossessat illegalment mill-intimat Callus, kif ġie deċiż b'dawk is-sentenzi. Dan il-fond ġie ndikat fis-sentenzi riferiti bin-numru 138B. Conception Street, Msida. Billi l-intimat okkupa mill-istess fond l-ambjenti li ssemmew, u mbarra l-bieb tal-kamra ta' isfel, il-lum il-fondi, kif irrendihom illegalment l-intimat, huma materjalment tnejn, i.e. il-kamra okkupata mir-rikorrenti, u l-ambjenti li kienu jagħmlu magħha bħala parti ntegrali tal-istess fond tar-rikorrenti, liema ambjenti l-intimat ħa u annetta ma' ambjenti oħra, u li fiż-żmien tal-mandat, u anki l-lum, huwa qiegħed joqgħod fihom. Dawn l-ambjenti okkupati mill-intimat il-lum għandhom bieb għat-trieq li jġib in-numru 138C.;

B'dan il-mod, l-intimat qiegħed jokkupa illegalment ambjenti li kienu, u għadhom, skond dawk is-sentenzi, tal-fond okkupat mir-rikorrenti, u l-mandat għandu jiġi eżegwit fuq dawn l-ambjenti, li kienu aċċessibbli mir-rikorrenti mill-bieb li l-intimat imbarra u li l-marixxall eżekutur semma fir-riferta fuq indikata;

Il-fond inkwistjoni f'dik il-kawża kien dak indikat bin-numru 138B. Infatti:—

*Omissis*;

Rat in-nota tal-appell ta' Joseph Callus, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab lid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tiġi revo-

kata, u jiġi dikjarat u deċiż illi l-mandat ta' żgumbrament in eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Novembru 1960 ma jistgħax jiġi eżegwit fuq fond divers minn dak hemm indikat bin-numru 138B. Conception Street, Msida, b'mod li dik is-sentenza mhix eżegwibbli; bl-ispejjeż tal-proċeduri kollha u tal-appell kontra l-appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Hi fehma ta' din il-Qorti illi l-proċedura tal-appell segwita mill-appellant hi żbaljata. Id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, ovvjament, mhix digriet interlokutorju; ugwalment hu ċar illi dik id-deċiżjoni anqas hi sentenza. Il-provvediment għall-għoti ta' direttivi dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament mitlub mill-Ewwel Qorti mill-appellati ma kienx l-istituzzjoni ta' kawża ġdida li ġiet deċiża bil-provvediment issa appellat, iżda kien sempliċi provvediment għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Novembru 1960; liema eżekuzzjoni kienet tmiss lill-Ewwel Onorabbli Qorti. Provvediment simili, skond il-prinċipju stabbilit fis-sentenzi riportati fil-Vol. XXXII-I-340, Vol. XXXVII-I-519, u Vol. XXXVIII-I-336, mhux impunjabbli qudddiem din il-Qorti direttament permezz ta' appell, iżda talvolta jista' jkun impunjat b'ċitazzjoni quddiem l-istess Qorti li tagħtu, salvo li mbgħad jista' jkun hemm appell mis-sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni;

In vista ta' dan, ma hux il-każ li din il-Qorti teżamina l-kwistjonijiet l-oħra sollevati mill-appellati, inkella l-meritu tal-kwistjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddikjara l-appell irritu u null; bl-ispejjeż tal-appell kontra l-appellant.